# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 12 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 185/01**

**Numru 35**

**Alfatrade Co. Ltd.**

**vs**

**Charles Fenech**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u hamsin lira tmienja u hamsin centezmu (Lm950.58) rapprezentanti danni ngenti kkawzati lill-attur permezz ta' xoghol ta' madum maghmul mill-konvenut f'92, Cospicua Road, Paola, kif minnhom delegat, kif ukoll raprezentanti l-ispejjez biex dan il-madum jitnehha flimkien mad-"debris" u jitqieghed madum gdid. Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali datata Jannar, 2001 u bl-imghaxijiet legali sad-data ta' l-effettiv pagament. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-28 ta' Mejju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm950.58,0 bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali msemmija fl-avviz u presentata matul Jannar 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-istess ittra ufficjali.

Alan Calleja
Dep.Reg